Minuti tal-laqgħa numru wieħed (1) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat (KLR) li nżammet fis-6.10pm, nhar l-Erbgħa, 3 ta' Lulju 2024 fl-Atrium, Kunvent San Duminku, Pjazza San Duminku, ir-Rabat.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| | Is-Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| | Is-Sur Rudolph Grima | Kunsillier |
| | Is-Sa Graziella Brincat | Kunsillier |
| | Is-Sa Charmaine Balzan | Kunsillier |
| | Is-Sur Norbert Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Terence Sant | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Ezekuttiv |

| | | |
|---|---|---|
| Uffiċjali: | Is-Sa Marouska Debono | Kummissarju tal-Ġustizzja |
| Fr Raymond Gatt OP | Pirjol, Kunvent San Duminku | |
| Is-Sur Sandro Azzopardi | President, Reġjun Punent | |

| | | |
|---|---|---|
| * | **Ittri ta' aploloġiji**<br>Ma kienx hemm. Fr Raymond Gatt OP, il-Pirjol tal-Kunvent ta' San Duminku, qal it-talb mil-Bibbja. | Talba |
| * | Il-laqgħa kienet ippreseduta mil-kunsillier anzjan li hu is-Sur Sandro Craus sakemm inħatar Sindku aktar 'il quddiem u baqa' jmexxi hu. | Presedenza |
| 01.01 | **Ħatra ta' Sindku**<br>Il-Kummissarju tal-Ġustizzja, Dr Marouska Debono LL.D, MA, tat il-ġurament lis-Sindku, is-Sur Sandro Craus u dan iffirma wkoll l-aċċettazzjoni tal-ħatra ta' Sindku | Ħatra ta' Sindku |
| 01.02 | **Ħatra ta' Viċi Sindku**<br>Il-Kummissarju tal-Ġustizzja, Dr Marouska Debono tat il-ġurament lill-Viċi Sindku, is-Sur Matthew Chetcuti u dan iffirma wkoll l-aċċettazzjoni tal-ħatra ta' Viċi Sindku. | Ħatra ta' Viċi Sindku |
| * | Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus għamel id-diskors tiegħu tal-ftuħ tad-disa' leġislatura fejn tkellem fuq diversi temi. | Diskors |
| 01.03 | Ir-responsabbilitajiet (dekasteri) se jkunu diskussi fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss li kien hemm qbil unanimu li din tinżamm nhar is-17 ta' Lulju 2024 fis-6.00pm fi 34, Triq Inguanez, ir-Rabat. | Dekasteri u Aġġornament |

| | | |
|---|---|---|
| * | Is-Sur Nazju Cassar talab biex il-KLR jaħdem biex jinfetaħ shelter tal-Gwerra u tiġi rrestawrata l-Kappella Medjevali ta' San Mikiel tas-Sanċir li qal li qed taqa' biċċa biċċa u għaldaqstant il-manutenzjoni tagħha hija urġenti anke jekk din tinsab taħt l-amministrazzjoni ta' Din l-Art Ħelwa. | Il-Kappella ta' San Mikiel tas-Sanċir |
| * | Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus irringrazzja lill-Kummissarju tal-Ġustizzja, lil Fr Raymond (Pirjol) lill-kunsillieri uxxenti u laqa' lil dawk ġodda u kienu imsemmija b'isimhom. | Ringrazzjamenti |
| * | Is-SE stieden lil dawk kollha li ingħaqdu magħna biex jieħdu drink tal-okkażjoni u l-laqgħa ntemmet fis-7.30pm. | Aġġornament |
| * | Il-laqgħa kienet strimjata live fuq facebook u rrekordjata fl-arkivji tal-Kunsill fuq il-pjattaforma tas-Sharepoint tal-MITA. | Live Streaming |

**(IFFIRMATA)** **(IFFIRMATA)**

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 17 ta' Lulju 2024 minn Sandro Craus

Segretarju Eżekuttiv Sindku.